

21999D0168

1.3.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 61/23

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 168/1999

tas-26 ta' Novembru 1999

li temenda l-Anness IV (Enerġija) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IV għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 29/1999 tas-26 ta' Marzu 1999 ⁽¹⁾.
- (2) D-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 dwar regoli komuni għas-suq intern dwar l-elettriku ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Is-sehem tas-suq nazzjonali, kif hemm referenza għalih fl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandhom għall-għanijiet tal-Ftehim ikunu bbażati fuq il-kalkolazzjoni tas-sehem medju tal-Komunità tal-ftuħ tas-suq ta' l-elettriku,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 13 (Direttiva 96/57/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ta' l-Anness IV għall-Ftehim:

- "14. **396 L 0092:** Id-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' kuntratti b'distanza (ĠU L 27, tat-30.1.1997, p. 20).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-għanijiet tal-Ftehim preżenti, jinqraw bl-addattamenti li ġejjin:

- (a) fl-Artikolu 3(2), 'id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu 90' għandu jaqra 'id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim taż-ŻEE, b'mod partikolari l-Artikolu 59';
- (b) fl-Artikolu 3(3), 'l-Artikolu 90 tat-Trattat' għandu jaqra 'l-Artikolu 59 tal-Ftehim taż-ŻEE';
- (c) fl-Artikolu 3(3), il-kliem 'L-interessi tal-Komunità' għandu jaqra 'L-interessi tal-Partijiet Kontraenti';
- (d) fl-Artikolu 7(2), dan li ġej għandu jiġi miżjud fit-tmien: ' , kif hemm referenza għalih fi, u addattat għall-għanijiet ta', il-Ftehim taż-ŻEE';
- (e) fl-Artikolu 14(2), dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-ewwel sentenza: ' , kif hemm referenza għalih fi, u addattat għall-għanijiet ta', il-Ftehim taż-ŻEE';

⁽¹⁾ ĠU L 266, tad-19.10.2000, p. 5.

⁽²⁾ ĠU L 27, tat-30.1.1997, p. 20.

- (f) fl-Artikolu 14(5), il-frażi 'is-seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar ammonti konsolidati għandha taqra 'is-seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar ammonti konsolidati kif hemm referenza għalihom fi, u addattati għall-għanijiet tal-Ftehim taż-ŻEE;
- (g) l-obbligu dwar l-Istati Membri stabbilit fl-Artikoli 19(1) u (2) li jiġu rrapportati figuri dwar l-elettriku kkunsmat mill-konsumaturi finali għall-għan li jiġi kkalkolat is-sehem medju tal-Komunità li tiddefinixxi l-grad tal-ftuħ tas-suq, ma għandux japplika għall-Istati ta' l-EFTA;
- (h) fl-Artikolu 22, il-kliem 'id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, u b'mod partikolari l-Artikolu 86 tiegħu' għandu jaqra 'id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE u b'mod partikolari l-Artikolu 54 tiegħu';
- (i) dawk l-Istati ta' l-EFTA li fihom l-impenni u l-garanziji ta' operazzjoni mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 168/1999 tas-26 ta' Novembru 1999 ma jistgħux jiġu onorati minħabba d-dispożizzjonijiet ta' dik id-Deċiżjoni, jistgħu japplikaw għal reġim transizzjonali bi qbil ma' l-Artikolu 24(1) u (2). Applikazzjonijiet għal perjodu transizzjonali għandhom jiġu nnotifikati lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 168/1999 tas-26 ta' Novembru 1999;
- (j) fl-Artikolu 24(3), dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-aħħar sentenza: ' l-Islanda u l-Liechtenstein';
- (k) fl-Artikolu 27(2), dan li ġej għandu jiġi miżjud fit-tmiem: 'L-Islanda u l-Liechtenstein jistgħu, minħabba l-karatteristiċi tekniċi speċifiċi tas-sistema ta' l-elettriku tagħhom, ikollhom perjodu addizzjonali ta' sentejn wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 168/1999 tas-26 ta' Novembru 1999 sabiex japplikaw l-obbligi li joħorġu mid-Direttiva.'"

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-27 ta' Novembru 1999, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Novembru 1999.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

N. v. LIECHTENSTEIN